MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 810/2008

**Mobile Communications Limited – C24655**

**vs**

**Bryden Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€139.66) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma' client contract number 1022194 in rigward ta' servizzi rezi ghax-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2008, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikata baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici,

It-Tribunal sema' lill-PL Peter Paul Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu l-ammont li kien ghadu dovut sal-gurnata tallum. Innota illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi dan baqa' ma deherx u ghalhekk wisa inqas ipproduca provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mija u disgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€139.66) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------